SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 05/K9/19

Data tal-laqgħa: 30 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

05.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**05.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.01 Saru korrezzjoni fil-minuti, il-Kunsuilliera Patricia Camilleri ipproponiet l-approvazzjoni ta' Minuti 04/K9/19.

05.2.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaha fl-approvazzjoni tal-Minuti 04/K9/19.

05.2.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

05.2.04 Tqajjem il-punt dwar Triq Dun Ġużepp Xerri, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li għandu l-cable ta' l-enemalta kien tpoġġa u t-tkomplija tax-xogħol fuq l-asfaltar tat-triq ser jibda imminenti.

05.2.05 Inġibdet l-attenzjoni sabiex isir ħart tal-planters fil-promenade, is-Segretarju informa lill-Kunsill li minħabba li jridu jinqalgħu l-arbuxelli biex jiġu miżrugħa arbuxelli ġodda, dan ix-xogħol għandu jsir f'daqqa.

05.2.06 Ġie deċiż li għandha tintbaghat ittra lill-Green Pak dwar l-iskips li hemm fi Triq ta' Ta' Ġiorni sabiex jimxu ħdejn il-ħajt tal-ground tal-futbol fi Triq Andre Marouis li faċċata tiegħu hemm għalqa. Fi Triq ta' Ta' Ġiorni fejn hemm il-bring in sites preżentament għandhom isiru mmedjament *parking spaces*.

05.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li l-*cameras* li hemm madwar il-bring in sites fi Triq ta' Ta' Ġiorni jibqu hemmhekk, u maż-żmien isiru oħrajn fejn is-sit il-ġdida. Il-Kunsillier Martin John Sultana offra wkoll li jekk tinħass il-ħtieġa huwa lest li jiġi jara l-cameras erbgħa sigħat fil-ġimgħa. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qal li anke hu lest li jiġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan mhux possibbli minħabba d-*data protection.* Huwa nforma lill-Kunsill li jekk l-aċċess għal cameras ser jibda jkun miftuħ u kulhadd ikollu aċċess huwa kien ser jinforma lid-Dipartiment sabiex titneħħa r-responsabbilta' tiegħu dwar il-cameras.

05.2.08 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-impjegata Charmaine Pisani tat ir-riżenja u għalhekk ser jibda l-proċess biex ninpjegaw persuna ġdida.

05.2.09 Tqajmet il-kwistjoni dwar il-bus stop u bus shelter fi Pjazza Spinola, iċ-Ċermen informa li kien ser jiltaqa' ma' uffiċjali tat-Transport Pubbliku sabiex tittieħed deċiżjoni fejn ser jitpoġġew il-bus shelter u l-bus stop.

05.2.10 Dwar l-ATM ta' Ta' Ġiorni, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li wara li l-Awtorita' ta' l-Artijiet infurmatna li kellna nimlew applikazzjoni magħhom sabiex ikunu jistgħu jitkomplew ix-xogħolijiet, huwa informa lill-Kunsill li kien hemm xi residenti / sidien tal-ħwienet li mhux qed jaqblu mal-pożżizjoni l-ġdida ta' l-ATM. Il-Kunsill qabel li jistenna d-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet u jekk ikun hemm risposta pożitiva, jitkomplew ix-xogħolijiet. Kien hemm qbil ukoll fuq suġġeriment tal-Kunsillier Martin John Sultana sabiex tintbagħat ittra f'dan is-sens lir-residenti ta' l-akwati. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qal li huwa qed jissuġġerrixi li meta jitlestew ix-xogħolijiet jitwaħħlu sinjali biex juru li hemm il-ħwienet.

05.2.11 Dwar il-proġett tal-Kunsill tal-promenade, dakinhar saret laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll uffiċċjali tal-MTA fejn fiha ġew diskussi l-ideat ta' kull parti interessata sabiex il-Perit tal-Kunsill ikun jista' jipprepara pjan.

05.2.12 Dwar id-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola kif ukoll il-kamra ta' wara l-latrina tal-Balluta kif ukoll il-Kumpless Dun Anton Sciberras qed nistennew pjanti min-naħa tal-Lands Department ħalli nwaħħluhom mal-applikazzjoni.

05.2.13 Irċievejna l-ammont ta' €67,000 mingħand il-Reġjun.

## 05.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

05.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret laqgħa mal-kuntrattur ta' l-iskart dwar il-ġbir ta' skart, tlabnieh wkoll lista ta meta jinkinsu it-toroq ġewwa l-lokalita'. Dan sabiex inkunu nistgħu ninfurmaw lir-residenti meta jitnaddfu t-toroq. Il-Kunsilier Martin John Sultana ġibet l-attenzjoni li t-Triq ta' Patrick Brydone (il-parti fejn ser tiġi msemmija Triq Charles Sciberras) din mhux qed tinkines.

05.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li mis-7 t' Ottubru 2019, l-quddiem il-pont tal-Knisja ser ikun magħluq minħabba li ser jibdew ix-xogħolijiet fuqu.

05.3.04 Ix-Xogholijiet fuq il-Public Toilets tal-Balluta mexjin.

05.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet ta' asfaltar li fi Triq Diodurus Siculus twaqqfu temporanjament għaliex jidher li hemm problem fejn jirrigwardja l-istruttura tat-triq speċjalment il-livelli tat-triq u r-rampi llegali li hemm. Il-Perit kien ser jagħtina rapport dwar is-sitwazzjoni.

**05.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

05.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar il-bozza li kellha teħel ħdejn l-uffiċċju ta' Franciz Zammit Dimech. Huwa ġie nfurmat li l-proċess miexi imma qed nistennew l-arblu.

05.4.02 Il-Kunsillier John Agius għadda kumment li huwa ħass li l-aħħar mawra li kellna f'Kunsentmikloz ma ġejniex trattati tajjeb għaliex ma tawniex akkomodazzjoni diċenti.

05.4.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ġie skużat fis-6.50p.m.

05.4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qajmet il-punt dwar bozza m'arblu maqtugħa fuq il-bus stop li hemm faċċata tal-Café Goloso. Hija ġiet infurmata li din hija rrapurtata.

05.4.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni dwar li m'hemmx dawl f'Xatt is-Sajjieda. Is-Segretarju nfurmah li hemm pjanat biex isir xogħol biex jinbidel il-cable li qed jiffidja dan id-dawl u għalhekk qed nistennew il-permessi neċċessarji min-naħa tat-Transport Malta sabiex isir dan ix-xogħol.

05.4.06 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar iż-żbir tas-siġar, u ġie nfurmat li ż-żbir għandu jsir f'Ottubru.

05.4.07 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula staqsa dwar kif il-Kunsill ma kienx infurmat dwar clean ups li saru ġewwa il-lokalita'. Huwa ġie nfurmat li waħda mill-cleanups il-Kunsill ma kienx involut filwaqt li l-aħħar clean up din kienet qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill pero' bisvista ir-reklam tal-clean up fuq il-facebook tal-Kunsill ma deherx.

05.4.08 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li rċivejna *commitment* ta' €37,000 mingħand l-AKL li huwa surplus tal-LESA sabiex nagħmlu proġett li irridu nipproponuh sal-31 ta' Ottubru 2019. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa kien qed jipproponi biex dawn jintużaw sabiex jiġi rranġat il-ġnien iż-żgħir fi Triq San Mark. Kien hemm qbil fuq din il-proposta.

05.4.09 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li rċivejna risposta mingħand is-Sur Michael Cohen dwar it-talba tagħna sabiex isir tibdil fit-traffiku fi Triq il-Kbira huwa kien qiegħed jinfurmana li t-talba tagħna kienet ser titressaq quddiem it-*Traffic Management Board* għall-approvazzjoni.

05.4.10 Is-Segretarju informa lill-Kunsill dwar korsijiet tal-Masters fl-Administration u korsijiet oħra organizzati mill-AKL. Huwa qal li min hu interessat jista' jkellmu.

05.4.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar talba għall-kollaborazzjoni flimkien mal-Parroċċa u mal-Carob Tree sabiex jiġi organiżżat Christmas Market. Il-Kunsill qabel li din titela' b'kollaborazzjoni magħna.

05.4.12 European of Excellence of Award - Il-Kunsill qabel li ma japplikax.

05.4.13 Is-Segretarju informa lill-Kunsill dwar WIFI4EU, fejn il-Kunsill issottometta l-applikazzjoni.

05.4.14 Kien hemm qbil li jinħareġ tender għaż-żamma tal-latrini pubbliċi, ġbir ta' skart domestiku, kif ukoll dak tal-ġbir tal-iskart goff. Is-sejħa li kien hemm miftuħa għas-sinjali tat-toroq kien għalaq dakinhar u ser tibda l-evalwazzjoni.

05.4.15 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, lista ta' items biex jiġu mormija u mneħħija mill-assi. (Ara l-lista annessa – Appendiċi 'A')

**05.5 Emenda għall-bye-law dwar għamara fit-toroq;**

05.5.01 Din l-item ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.

**05.6 Proposta għall-tender dwar Works Manager;**

05.6.01 Din l-item ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.

**05.7 Ħarġa għall-Anzjani;**

05.7.01 Ser ikun qiegħed issir ħarġa għall-anzjani fis-17 ta' Ottubru 2019.

05.7.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri offriet li waqt dan il-coffee morning it-tifla tagħha tagħmel talk dwar il-podestrija.

**05.8 Proposta għall-bye law dwar l-użu ta' single use plastic;**

05.8.01 Din l-item ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.

**05.9 Laqgħa tal-Komunita’**

05.9.01 Il-laqgħa tal-komunita’ skont l-att dwar il-gvern lokali, li ser tiddiskuti l-pjan ta’ ħidma għal din il-leġislazzjoni ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 8 ta’ Novembru 2019 fis-6.30p.m. ġewwa l-iskola Primarja ta’ San Ġiljan.

**05.10 Talbiet żgħar;**

**05.10.01 Email mingħand il-Wasteserv dwar Social Marketing Campaign (Inc. 5358/19);**

05.10.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nilqgħu it-talba tagħhom sabiex jagħmlu kampanja tagħhom permess ta’ vann ġewwa Triq Lapsi.

**05.10.02 Email dwar Active Ageing Opportunity (In. 5272/19);**

05.10.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din mhux ser issir.

**05.10.03 Email dwar Appeal for World Peace from the Mayors for Peace Secretariat (Inc. 5319/19)**

05.10.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma napplikawx għaliha.

**05.10.04 Email dwar Lista ta’ Responsabbiltajiet 2019 (Inc. 5401/19);**

05.10.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li fit-tqassim tad-dekasteri ħallejna tlett suġġetti barra, għalhekk ġew mgħotija kif ġej:

1. Integrazzjoni Soċjali u Indafa - Dott. Albert Buttigieg
2. Innovazzjoni – Sean Gauci

**05.10.05 Email dwar cooperation for EU projects (Inc. 5435/19)**

05.10.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma ssirx.

**05.10.06 Email dwar change of premises for the meeting of Organ Donation (Inc. 5453/19);**

05.10.06.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**05.10.07 Email dwar Influenza Vaccine Campaign Local Councils and Hamlets – 12-09.19 (Inc. 5454/19)**

05.10.07.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**05.10.08 Email mingħand il-Living Waters (Inc. 5396/19);**

05.10.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

05.10.08.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona li jinxtel il-Love Monument roża għall-inizzjattiva ta' *Pink October*.

**05.10.09 Email mingħand l-FTZD dwar Pilot Project at Ball Street Paceville St. Julian's (Inc. 5623/19);**

05.10.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li naċċetaw li jsir dan il-*pilot project*.

**05.10.10 Email dwar European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism (Inc. 5691/19 & Inc. 5695/19);**

05.10.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din mhux se napplikaw għaliha.

**05.10.11 Email mingħand il-Perit dwar xogħol fi Triq Siculus, San Ġiljan (Inc. 5568/19);**

05.10.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandu jitħejja rapport

**05.10.12 Email mingħand l-Accountant tal-Kunsil dwar assets to be written off (Inc. 5143/19);**

05.10.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma sab l-ebda oġġezzjoni

**05.10.13 Email mingħand l-AKL dwar Cirk AKL 2019/093 Social Media (Inc. 4975/19);**

05.10.13.01 Il-Kunsillier Sean Gauci ser ikun qiegħed jibagħat iċ-cv tiegħu.

**05.10.14 Korrispondenza dwar Palazzo Spinola**

05.10.14.01 Dwar il-ġnien ta' Palazzo Spinola kien hemm qbil li dan għandu jibda jingħalaq fl-4.00p.m. Is-servizz tas-security ġie mwaqqaf mill-1 ta' Ottubru 2019.

**05.11 Skeda tal-Pagamenti;**

05.11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B)

05.11.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

05.11.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondah.

05.11.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**05.12 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

05.12.01 Il-Kunsill ġie pppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4829 sa 4863. (Ara Appendiċi 'Ċ')

05.12.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**05.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

05.13.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019 fil-5.00p.m.

05.13.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

IFFIRMATI

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 24 ta' Ottubru 2019